**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/044 |
| **Allegazzjoni:** | Konflitt ta' interess marbut mal-għoti ta' direct orders lil TEC Limited |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 16 ta' Mejju 2022 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 11 ta' Novembru 2024 |

**L-Ilment**

1. Fis-16 ta' Mejju 2022, il-Professur Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Ian Borg (dak iż-żmien Ministru għat-Trasport). L-Ilmentatur irrefera għal artiklu ppubblikat mill-ġurnal elettroniku *The Shift* fl-14 ta' Mejju 2024,[1] fejn ġie allegat li d-ditta TEC Ltd ipprovdiet assistenza lill-kampanja elettorali tal-Ministru Borg wara li ngħatat madwar €500,000 f'direct orders mill-ministeru tiegħu. L-Ilmentatur talab li ssir investigazzjoni rigward:

> *1. Kif il-Ministru Ian Borg ta nofs miljun euros direct orders lid-ditta TEC ... f'jum wieħed.*
>
> *2. Jekk il-minimu ta' sitt tined, siġġijiet, armar eċċ. li l-Ministru Borg ħa minghand TEC għall-kampanja elettorali personali tiegħu kinux speċi ta' commission.*

---

[1] Ara https://theshiftnews.com/2022/05/14/company-awarded-e0-5-million-in-direct-orders-in-1-day-provided-tents-for-ministers-campaign/.

*3. Jekk ma kinux, dan ifisser li l-Ministru ħallas għalihom minn butu. Imma dan ifisser li kiser il-liġi għax iqumu aktar mill-40,000 ewro permessi mil-liġi.*

2. L-Ilmentatur żied jgħid: "*Nitolbok tivverifika d-dikjarazzjoni tal-Ministru dwar spejjeż u jekk kienx veritier fid-dikjarazzjoni tiegħu.*"

3. Din il-komunikazzjoni hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument A**.

4. Iktar tard dakinhar, ossia fis-16 ta' Mejju 2022, l-Ilmentatur reġa' kiteb lil dan l-Uffiċċju. Huwa bagħat kopji tar-risposti mogħtija mill-Ministru Borg għal xi mistoqsijiet parlamentari, flimkien ma' lista ta' direct orders lil TEC Ltd ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, liema dokumenti uffiċjali, fil-fehma tal-Ilmentatur, kienu juru b'mod ċar li:

*1. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta ma semmiex id-direct orders li ingħataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd).*

*2. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta ta figura ferm inqas minn dik tad-direct orders li ngħataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd).*

*3. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta għal mistoqsija dwar l-istudji, rapporti u konsulenzi li saru dwar il-Metro, huwa ma inkludiex id-direct orders li ngħataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd), għax din tal-aħħar tipprovdi apparat għal events u mhux studji, rapporti u konsulenzi.*

5. Din it-tieni komunikazzjoni qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument B**.

6. Fl-24 ta' Mejju 2022, l-Ilmentatur kiteb lil dan l-Uffiċċju għal darb'oħra u għamel referenza għal artiklu tat-*Times of Malta* intitolat "*How much did PL, PN candidates spend in the election campaign?*"[2] L-Ilmentatur qal li skont dan l-artiklu, "*Ian Borg iddikjara 15,000 ewro spejjeż għat-tined tat-TEC, jiġifieri medja ta' mhux aktar minn 2500 ewro għal kull tinda. Normalment, il-prezz ta' dawn it-tined, mill-anqas 6000.*"

---

[2] Ara https://timesofmalta.com/article/how-much-did-pl-pn-candidates-spend-in-the-election-campaign.956968.

7. Din it-tielet komunikazzjoni qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument Ċ**.

8. Fit-2 ta' Lulju 2022, l-Ilmentatur kiteb lil dan l-Uffiċċju għal-aħħar darba u għamel referenza għal artiklu ta' *The Shift News* intitolat "*Metro promo: Ian Borg split €420,000 bill from TEC into 20 direct orders to avoid issuing tender*".[3]

9. Din ir-raba' komunikazzjoni qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument D**.

## Il-Kuntest

10. Fit-3 ta' Mejju 2022, *The Shift* ippubblikat artiklu intitolat "*Transport Malta gave PL events organiser 20 direct orders worth €424,000 on a single day*".[4] F'dan l-artiklu ġie rrapportat illi Transport Malta tat lill-kumpanija TEC Limited, li tieħu ħsieb il-loġistika għall-avvenimenti tal-massa tal-Partit Laburista, daqs għoxrin direct order f'ġurnata waħda biss in konnessjoni ma' avveniment biex jippubbliċizza l-proġett tal-Malta Metro. Dan jirriżulta minn lista ta' direct orders ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Fl-14 ta' Mejju 2022 *The Shift* ippubblikat artiklu intitolat "*Company awarded €0.5 million in direct orders in 1 day provided tents for minister's campaign*",[5] fejn ġie rrapportat li l-istess kumpanija TEC Limited ipprovdiet mill-inqas sitt tined kbar u servizzi relatati (liema servizzi normalment jiswew spejjeż kbar) għall-kampanja elettorali personali tal-Ministru Ian Borg.

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

12. Il-Kummissarju preċedenti deherlu li l-korrispondenza tal-Ilmentatur u r-rapporti tal-midja li jissemmew fiha jinkorporaw is-segwenti allegazzjonijiet:

(a) li meta l-Onor. Ian Borg kien ministru risponsabbli għat-trasport, huwa ta sensiela ta' kuntratti b'ordni diretta lil TEC Limited li jammontaw għal

[3] Ara https://theshiftnews.com/2022/07/02/metro-promo-ian-borg-split-e420000-bill-from-tec-into-20-direct-orders-to-avoid-issuing-tender/.

[4] Ara https://theshiftnews.com/2022/05/03/transport-malta-gave-pl-events-organiser-20-direct-orders-worth-e424000-on-a-single-day/.

[5] Ara n-nota 1 fuq.

aktar minn €420,000 permezz tal-Awtorità tat-Trasport (Transport Malta), li dak iż-żmien kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

(b) li minkejja li dawn id-direct orders kienu relatati mat-tnedija tal-Malta Metro, l-Onor. Ian Borg ma semma xejn dwarhom fir-risposti li ta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulu dwar l-infiq fuq dan l-avveniment;

(ċ) li ntużaw is-servizzi tal-istess kumpanija TEC Limited fil-kampanja elettorali personali tal-Onor. Ian Borg, u li din il-kumpanija tatu rati preferenzjali.

13. Abbażi ta' dan, il-Kummissarju ddeċieda li s-segwenti punti kien jimmeritaw investigazzjoni:

(a) jekk l-imsemmijin direct orders ingħatawx fuq l-istruzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tal-Onor. Ian Borg;

(b) jekk ingħatatx informazzjoni korretta u kompleta mill-Onor. Ian Borg b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulu in konnessjoni mal-każ odjern;

(ċ) jekk l-Onor. Borg kellux konflitt ta' interess fl-għoti tad-direct orders, peress li l-kumpanija TEC Limited kienet qiegħda toffri s-servizzi tagħha f'attivitajiet politiċi.

14. Il-Kummissarju preċedenti qies li l-paragrafi 4.3, 4.7, 4.8, 5.7, 5.8, 8.1, 8.4 u 9.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika) kienu relevanti għall-investigazzjoni tiegħu.

15. Il-Kummissarju preċedenti deherlu li ma kellux jinvestiga:

(a) jekk il-kuntratti li ngħataw lil TEC Limited kinux konformi mal-governanza tajba u mar-regolamenti dwar l-akkwist, jew jekk jirrappreżentawx valur għall-flus minfuqa, peress li din il-kwistjoni aktar taqa' fil-kompetenza tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; u

(b) jekk saritx dikjarazzjoni korretta jew le lill-Kummissjoni Elettorali dwar l-ispejjeż tal-kampanja elettorali personali tal-Onor. Ian Borg, peress li din il-kwistjoni taqa' direttament fil-kompetenza tal-Kummissjoni Elettorali.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

16. Fit-30 ta' Awwissu 2022, il-Kummissarju preċedenti kiteb lill-Onor. Ian Borg sabiex jirreferilu l-ilment, javżah dwar l-ambitu tal-investigazzjoni tiegħu

kif deskritt fuq, u jitlob ir-reazzjonijiet tiegħu. Din l-ittra qiegħda tiġi mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument E**.

17. L-Onor. Ian Borg intalab iwieġeb sas-16 ta' Settembru 2022, iżda talab u ingħata estensjoni ta' dan it-terminu. Huwa rrisponda fit-30 ta' Settembru 2022 u qal illi:

- Bħala Ministru għat-Trasport huwa ma kellu ebda rwol fl-akkwist tas-servizz in kwistjoni, iżda dan sar mill-Awtorità tat-Trasport illi hija awtonoma. Huwa kien esprima l-fehma li n-nefqa proposta, li kienet tlaħħaq il-miljun ewro, kienet eċċessiva, u b'riżultat ta' dan l-Awtorità pproponiet li n-nefqa tkun limitata għal €400,000 – proposta li ġiet aċċettata mill-ministeru. Iżda l-għażla ta' min kellu jiġi mqabbad biex jipprovdi s-servizz kienet esklussivament f'idejn l-Awtorità.
- Kwantu għall-informazzjoni li huwa ta fil-Parlament, l-interpellant talab in-nefqa speċifika ta' attività li saret fit-2 ta' Ottubru 2021 filwaqt li dak li qed jirreferi għalih l-Ilmentatur ikopri nefqa fuq perjodu ħafna itwal – ġimgħat jekk mhux xhur.
- Rigward il-possibbiltà ta' konflitt ta' interess, huwa qatt ma ddeċieda li s-soċjetà msemmija tieħu xi xogħol mill-Awtorità tat-Trasport, u t-team tiegħu ħallas f'ismu għas-servizz li tawh fil-kampanja elettorali. TEC Limited tat servizz lil partiti u kandidati oħra, u r-rati mħallsa minnu kienu simili għal dawk ta' oħrajn.

18. Il-messaġġ tal-Onor. Ian Borg huwa mehmuż ma' dan ir-rapport u mmarkat bħala **Dokument F**.

19. Fil-11 ta' Diċembru 2022, l-Onor. Ian Borg kiteb biex jiġbed l-attenzjoni ta' dan l-Uffiċċju għal rapport tal-Awditur Ġenerali li jiddiskuti l-kuntratti in kwistjoni. Il-Ministru Borg qal li dan ir-rapport jikkonferma "*li jien involvejt ruħi biss sabiex jitnaqqas il-budget allokat minn Transport Malta għal din l-attività*" (**Dokument G**).

20. Ir-rapport in kwistjoni jgħid "*Correspondence by the then Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects endorsed proposal made by the then TM* [Transport Malta] *Executive Chairman, to revise the exhibition costs downwards up to a maximum of €400,000.*" Madankollu r-rapport jinnota li l-ispejjeż attwali qabżu l-€500,000. Ir-rapport jinnota wkoll li l-Awtorità għat-

Trasport naqset milli ġġib approvazzjoni għall-għoti ta' direct orders kif meħtieġ skont ir-regolamenti dwar l-akkwist.[6]

21. Skont il-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern numru 20,848 tad-29 ta' April 2022, kien il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li ħareġ id-direct orders lil TEC Ltd in konnessjoni mal-Malta Metro. Għalhekk, fid-29 ta' Marzu 2023 dan l-Uffiċċju ħarrek lis-Sur Godwin Mifsud, Segretarju Permanenti tal-istess ministeru, biex jipprovdi dettalji tal-uffiċjali involuti. Fi skambju ta' korrispondenza ma' dan l-Uffiċċju, is-Sur Mifsud qal li l-Awtorità tat-Trasport kienet risponsabbli għad-direct orders in kwistjoni, iżda dehru fil-Gazzetta tal-Gvern bħala direct orders maħruġin mill-Ministeru minħabba nuqqas amministrattiv mill-Awtorità għat-Trasport. Is-Sur Mifsud esebixxa korrispondenza datata 9 ta' Mejju 2022 (għaxar xhur qabel ġie kkuntattjat minn dan l-Uffiċċju, u ftit wara li ġiet ippubblikata l-lista tad-direct orders fil-Gazzetta tal-Gvern) bejn uffiċjali fil-ministeru li nnotaw l-iżball fil-lista.

22. Fit-22 ta' Ġunju 2023, dan l-Uffiċċju ħarrek lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tat-Trasport biex jipprovdi dettalji tal-uffiċjali tal-Awtorità li kienu involuti fil-ħruġ tad-direct orders lil TEC Ltd. Fis-6 ta' Lulju 2023 wieġbet is-Sa. Mary Rose Pace għan-nom tal-Awtorità, li qalet li l-event tal-Malta Metro tmexxiet direttament mis-Sur Joseph Bugeja, li kien Chairman u Kap Eżekuttiv tal-Awtorità fiż-żmien in kwistjoni (**Dokument H**).

23. Fl-1 ta' Diċembru 2023 xehed quddiem l-esponent is-Sur Joseph Bugeja. Sommarju tax-xhieda tas-Sur Bugeja huwa mehmuż ma' dan ir-rapport u mmarkat bħala **Dokument I**.

24. Is-Sur Bugeja beda billi spjega taħt liema ċirkostanzi ħarġet is-sensiela ta' direct orders li huma s-suġġett tal-ilment. Qal li l-proġett tal-Malta Metro kien "*proġett partikolari*".[7] Is-Sur Bugeja qal li meta daħal hu fl-2019, wieħed mill-affarijiet li kellu jagħmel kien li jaħdem fuq il-proġett tal-Metro:

> *li kien proġett kbir, kien avvanzat ħafna jiġifieri ma bediex fi żmieni imma jiena irċevejt il-proċess, li kien hemm, fejn kienet ġiet inkarigata waħda mill-ikbar entitajiet rinomati fid-dinja, ARUP, biex tmexxi dan l-istudju, u ġejt infurmat li dan is-suġġett huwa totally confidential u bl-ebda mod*

[6] Ara *Report by the Auditor General: Public Accounts 2021* (aċċessibbli minn https://nao.gov.mt/wp-content/uploads/2022/12/ARDEC2022.pdf), paġni 139–145.

[7] Vide **Dokument I**, paġna 1.

*m'għandu jillijkja informazzjoni dwaru. Qed ngħid dan għaliex fhimt illi l-Awtorità kellha xi proġett simili u kienet jillijkja informazzjoni* […][8]

25. Is-Sur Bugeja kompla jgħid illi l-proġett:

*ġie updated bir-rapporti għax ikun hemm xi tibdil fejn kien hemm stations u kien hemm proġetti oħra allura ġew updated, u kont inżomm il-Ministru ovvjament kontinwat infurmat u imbagħad eventwalment bdejna nersqu l-OPM, biex nieħdu direzzjoni dwar il-launching or otherwise ta' dan l-istudju, mhux li nagħmlu l-Metro, imma l-inkarigu tal-Awtorità kien li tistudja u tagħmel rapport, Malta tistax twettaq proġett ta' Metro, u l-proġett ta' Metro kien state of the art project jiġifieri jekk wieħed jara issa bis-stages, bil-video, jiġifieri kien, kien proġett, inkluż mill-esperti, il-launching ta' dan it-tip ta' proġett kif isir f'pajjiżi, f'pajjiżi oħra. U hemm hekk bdejna nersqu biex ikollna direzzjoni dwar il-launching ta' dan il-proġett. Wara numru ta' laqgħat, wara numru ta' laqgħat, allura bdejna nippruvaw in the meantime aħna naraw, x'tip ta' launching, jiġifieri kien hemm il-launching li kienet preżentata kif għandha ssir, mill-esperti, li kienet tiswa ċirca miljun ewro biex tippreżentah dan il-proġett, u x'mudelli jistgħu jintużaw fil-korrispondenza, iżgħar, ikbar, xejn, fl-aspett politiku ukoll. Taħt il-kunfidenzjalità jiġifieri anke biex nagħti eżempju prattiku, jekk jien għażilt tnax-il impjegat biex eventwalment jieħdu t-training għal meta jsir il-launch biex ikunu jistgħu jilqgħu l-pubbliku u jispjegaw, dawk kull wieħed minnhom ħabba l-kunfidenzjalità kellu jiffirma a non-disclosure agreement, u kull min kien ser ikun involut, l-istess irid ikun marbut li ma jistax joħroġ any type of information. Il-konklużjoni ta' dan kollu biex ma rridx intawwal hija li kien hemm deċiżjoni li ġiet trasmessa lili, fit-3 ta' Settembru* [2021]*, li l-launch trid issir fit-2 t'Ottubru, jiġifieri d-deċiżjoni 3rd September to launch, full launch. Ftit qabel, jiena meta bdejt inġib indikazzjonijiet, issa indikazzjonijiet jien ma niddiljax bħala Chairman u CEO, jiena ma niddiljax direttament mas-service providers, imma l-Awtorità għandha set-up ta' marketing department, għandha service providers, u jien naħdem tramite. Kelli kumitat ta' nies jiġifieri project manager, IT expert li qed jagħmel il-website, il-marketing etcetera etcetera, u meta bdejt nara l-ispejjeż ovvjament* […][9]

---

8 Vide **Dokument I**, paġna 1.

9 Vide **Dokument I**, paġna 1 sa 2.

26. Fir-rigward ta’ jekk l-Awtorità segwietx proċess normali fil-każ in kwistjoni, is-Sur Bugeja qal “*ma kienx normali, dan ma stajtx immur nagħmel tender biex ngħid irrid nagħmel launch ta’ Metro meta jien kont marbut b’kunfidenzjalità totali.*”[10]

27. Fir-rigward ta’ kif ħarġu d-direct orders is-Sur Bugeja qal:

> *din, jiġifieri l-marketing, jiena tajthom gwida isma sibu entità, kif nerġa’ ngħid jiena ma niddiljax mas-service providers qatt, entità li kapaċi li jekk rridu tinda, rridu dal-mekkaniżmu, irridu dal-pjattaforma, irid ikun kapaċi ta’ dimensjoni, dan, he will deliver, kont qed nistenna li ħa tiġi, jew tagħmilhiex jew għamilha, kif fil-fatt ġara, 3rd September, 2nd October to launch, u kienet dik il-kumpanija li ntgħażlet mill-marketing* […] *jien fl-opinjoni tiegħi għamilt dak li kien mistenni minni fiċ-ċirkostanzi taħt kunfidenzjalità, ma stajtx nuża proċessi normali* […] *pubbliċi.*[11]

28. In kwantu l-organizazzjoni tat-tnedija tal-avveniment dwar il-Metro, is-Sur Bugeja spjega kif:

> *għamilt email lill-Ministru, l-Onorevoli Ian Borg, u lill-Permanent Secretary Joseph Caruana, li llum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fejn issuġġerejt li nagħmlu target ta’ erba’ mitt elf għax meta bdejt nara l-indikazzjonijiet biex tagħmel, u bdejt nipprova kemm jista’ jkun innaqqas. U kien hemm qbil bil-miktub, b’endorsement, isma’ qed nippruvaw nimmiraw għal din il-figura, ovvjament meta kelli l-konferma isma’, on the 3rd – on the 2nd, trid tagħmilha, skatta l-mekkaniżmu. L-indikazzjoni li kont tajt jien lill-marketing, għidtilhom sibu entità li tkun kapaċi tagħmel dat-tip ta’ proġett, jiġifieri inutli ġġibli xi ħadd, tridu tagħżlu xi ħadd, li, mhux ikun żgħir li imbagħad halfway through ser jgħidli jien mhux kapaċi nagħmel tinda, għax din, ix-show kien li trid tagħmel tinda fejn qatt ma saret, f’Bieb il-Belt, il-kunċett kien li n-nies li deħlin il-Belt qishom deħlin ġo Metro station, allura t-tinda enormi f’post fejn qatt ma nbniet, fil-fatt ħareġ anke mir-rapport tal-Awditur, sibna l-ewwel darba diżlivell li kellna nonfqu iktar flus inġibu l-livell ta’ fejn saret din it-tinda mmensa, u kienet walkthrough li inti ġo dit-tinda, il-pubbliku Malti jifhem u jara u jesperjenza b’mekkaniżmu teknoloġiku, l-istazzjonijiet, fejn ser ikunu, etcetera etcetera etcetera jiġifieri, dak kien*

[10] Vide **Dokument I**, paġna 2.

[11] Vide **Dokument I**, paġna 2.

*erm il-qafas ta' dak li ġara, u on the 2nd of October prattikament, sakemm rajt il-Prim Ministru u l-Ministru, sa nofs siegħa qabel, konna għadna qegħdin tellieqa jiġifieri qed isir xogħol kontinwu bil-lejl ukoll biex intramat il-proġett kollu biex jinfetaħ uffiċjalment u jsir il-launch.*[12]

29. Mistoqsi dwar il-komunika dwar id-data tal-launch, is-Sur Bugeja qal:

*le, in-notifika, il-komunikazzjoni tal-OPM kienu kkordinati through l-Marketing Manager tal-Ministeru Roderick Zerafa, li kien jattendi l-meetings* […] *imbagħad kien komunikat lili, isma', 2nd October, Saturday 2nd October jekk mhux sejjer żball, isir il-launch mill-Prim Ministru.*[13]

30. Mistoqsi jekk din il-komunika saritx ukoll bil-miktub, is-Sur Bugeja qal: "*ma nafx, ma nafx kinitx* […] *ma nistax nikkonferma jekk kinitx bil-miktub*." [14]

31. Mistoqsi dwar l-għażla tal-kumpanija TEC Limited, is-Sur Bugeja qal:

*jiena amministrajt dak li kien mistenni minni bħala Chairman u CEO, jiena kont qed nipprepara għaliha u ovvjament min intgħażel, min ġie rakkomandat isma' mill-, minn, dan hu kapaċi, jagħmel kollox, jien mhux ser immeri n-nies li huma esperti f'dik l-area jiġifieri, within the Authority imma, within the Authority.*[15]

32. Fir-rigward ta' jekk il-kumpanija TEC Limited kinitx għamlet xogħol ieħor għall-Awtorità, jew ingħatatx tenders jew direct orders mill-istess Awtorità fil-perjodu meta kien Kap Eżekuttiv u Chairman, is-Sur Bugeja qal:

*m'għandix id-dettall imma la kienu jafuhom nimmaġina li* […] *kienu diġà ħadmu xi attivitajiet, imma kif għidt, jiena ma kontx niddilja dirett, kont noqgħod 'il bogħod dejjem.*[16]

33. Mistoqsi dwar l-ordni li kien ta lill-Marketing Department tal-Awtorità, is-Sur Bugeja qal:

---

12 Vide **Dokument I**, paġna 3.

13 Vide **Dokument I**, paġna 3.

14 Vide **Dokument I**, paġna 3.

15 Vide **Dokument I**, paġna 3.

16 Vide **Dokument I**, paġna 3.

*jien staqsejthom, li kienu involuti kontinwament, jiġifieri, mhux on the 3rd staqsejt jiena, kont għadd – għaddejin aħna inġ – niddiskutu, dil-launch, jekk issir f'did-dimensjoni, jekk issir f'did-dimensjoni, u jekk issir f'did-dimensjoni għax ma kienx hemm direzzjoni ta' liema dimensjoni ser nagħmluha. Bdew iġibuli indikazzjonijiet, minn xi ħadd li kapaċi li any option li niddeċiedu kapaċi jagħmilha, jiġifieri guiding factor tiegħi kien xi ħadd li kapaċi jagħmel dak kollu li hemm bżonn biex isir dat-tip ta' launch.*[17]

34. Meta ġie mistoqsi għalfejn id-dipartiment responsabbli għall-akkwist fl-istess Awtorità ma kienx involut fil-proċess, is-Sur Bugeja qal:

*għax il-procurement għandhom proċess formali riġidu ta' kif nagħmlu l-affarijiet normali jiġifieri aħna concurrently jiena kelli ħafna affarijiet għaddejin, għaddejin through the procurement department, din hi proċess normali* […] *imma dan, minħabba l-kunfidenzjalità, li kkundizzjona din is-sitwazzjoni, jien ma stajtx immur fuq il-procurement, ridt norbot dan-nies madwar mejda, taħt kunfidenzjalità għax jien kont marbut li dan ma jaħrablix minn idejja dan is-suġġett, u d-dettall tiegħu, u r-rapporti li kellna dettaljati għax immaġina joħorġulek u jimxu f'did-direzzjoni. Jiġifieri l-kunfidenzjalità kienet kundizzjoni partikolari għal dan il-proġett.* [18]

35. Mistoqsi jekk irċeviex rapport jew dokumentazzjoni in sostenn tal-għażla ta' TEC Limited għal dan il-proġett, is-Sur Bugeja qal:

*le, le, kien isir through il-laqgħat, TEC għalkemm jien qatt ma ltqajt magħhom imma TEC huma rinomati li huma waħda mill-entitajiet li kapaċi torganizza, u qgħadt fuq il-parir li ngħatajt bħalma nagħmel is-soltu imma kienu jgħiduli isma', jiena rrid din, u jirrakkomandawli skont l-esperjenza tagħhom imma* […] *iva kont naf TEC għalkemm ma nafhomx nerġa' ngħid dawn in-nies kien renomati li huma organizzati biex jagħmlu such big events u bqajt fuq dak il-parir jiena.*[19]

36. Fir-rigward ta' jekk kellux xi kuntatt mal-Ministru Ian Borg dwar dan il-proġett u d-direct orders rilevanti, is-Sur Bugeja qal:

---

[17] Vide **Dokument I**, paġna 4.

[18] Vide **Dokument I**, paġna 4.

[19] Vide **Dokument I**, paġna 4.

*le le le assolutament, il-Ministru l-kuntatt, kont inżommu infurmat x'qed nagħmel, għax kien l-obbligu tiegħi, imma il-kuntatt formali kien meta jien għamilt email u għidt isma', l-opinjoni tiegħi hija meta qed nara l-estent tal-kobor tagħha din, li fl-opinjoni tiegħi għandna nippruvaw nillimitawha bħala, bħala proġett, għal erba' mitt elf, lill-Ministru u kkopjajt lill-Permanent Secretary u kien hemm endorsement tas-suġġeriment tiegħi.*[20]

37. Mistoqsi kif wasal għall-ammont ta' €400,000 għat-tnedija tal-proġett, is-Sur Bugeja qal:

*jekk kien hemm xi ħaġa li jien kont konxju ħafna tagħha fl-Awtorità fis-siġġu tiegħi u n-natura tiegħi, hija l-estent tal-expenditure. Meta qed tikkontrolla flus li mhux tiegħi, jien bniedem konxju ħafna u meta bdejt nara l-estent għax inti the sky is the limit, ikollok suġġerimenti isma' barra t-tinda, nagħmlu tinda oħra iktar l'hawn u din nagħmlu screen kbir fiha u kulħadd fl-entużjażmu li kien hemm rakkomandat meta bdejt nara isma', seba' mitt elf, sitt mija u ħamsin, tista' tiġi, għidt isma' jekk mhux ser ngħid jien, jekk mhux ser nieħu l-inizjattiva li npoġġi figura li jien naħseb biha nista' naħdem, u ma tkunx fl-opinjoni tiegħi, eżaġerata, u raġonevoli fil-kuntest ta' dan il-proġett għax meta wieħed kien jidħol fit-tender jiġifieri kien jimpressjona ruħu jiġifieri b'li għamilna u jien fuq judgement tiegħi issettjajt, issa jekk kontx korrett jew le, imma l-judgement tiegħi fis-siġġu kien isma, ħa nimmira għal erba' mitt elf.*[21]

38. Mistoqsi jekk id-deċiżjoni kinitx tiegħu is-Sur Bugeja qal: "*id-deċiżjoni kienet tiegħi assolutament u fuq judgement personali tiegħi*."[22]

39. Fis-16 ta' Mejju 2024, dan l-Uffiċċju ħarrek lill-Kurunell Mark Mallia, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għat-Trasport, biex jipprovdi l-file jew files tal-Awtorità dwar l-għoti tad-direct orders lil TEC Ltd. Dan il-file kellu jinġab f'dan l-Uffiċċju minnu jew minn uffiċjal tal-Awtorità magħżul minnu. B'risposta għal din it-taħrika l-Kurunell Mallia nnomina lis-Sa. Mary Rose Pace, li dehret biex tippreżenta l-file u tixhed dwaru fis-17 ta' Ġunju 2024. Ix-xhieda tas-Sa. Pace hija mehmuża ma' dan ir-rapport u mmarkata bħala **Dokument J**.

---

[20] Vide **Dokument I**, paġna 6.

[21] Vide **Dokument I**, paġna 6.

[22] Vide **Dokument I**, paġna 6.

40. Mistoqsija biex tispjega x'inhi l-kariga tagħha fl-Awtorità għat-Trasport u kemm ilha f'dik il-kariga, is-Sa. Pace qalet li llum hija Chief Officer Finance and Administration. Qalet li ilha f'din il-kariga mill-2019, iżda t-titlu tagħha riċentement inbidel għal dak li hu llum. Qalet li qabel dan kellha t-titlu ta' Chief Officer Corporate Strategy.

41. Mistoqsija jekk fl-2021, meta nħarġu d-direct orders in kwistjoni favur il-kumpanija TEC Limited, kinitx diġà fil-kariga preżenti, is-Sa. Pace qalet li ma kinitx involuta fin-negozjati jew fid-diskussjonijiet li saru taħt iċ-Chairman/Kap Eżekuttiv biex tiġi mtella' l-esibizzjoni tal-Malta Metro. Is-Sa. Pace qalet li kienet biss tieħu ħsieb il-finanzi u direttorati oħrajn. Mistoqsija jekk kienx hemm kumitat ad hoc li ħa deċiżjonijiet dwar dawn id-direct orders, is-Sa. Pace qalet li kien iċ-Chairman/Kap Eżekuttiv li kien qed jieħu ħsiebhom.

42. Qalet li l-uniku involviment li kellha fid-diskussjonijiet li kienu qed isiru mis-Sur Joseph Bugeja, dak iż-żmien Chairman u Kap Eżekuttiv tal-Awtorità, kien fir-rigward ta' pagamenti, biex talloka l-budget u tagħmel il-pagamenti hi.

43. Mistoqsija lil min kienet tirrapporta, is-Sa. Pace qalet li dak iż-żmien kienet tirrapporta liċ-Chairman.

44. Fir-rigward tal-eżistenza ta' kumitat responsabbli għall-akkwist, is-Sa. Pace qalet li kien jeżisti tendering committee. Mistoqsija jekk kinitx membru ta' dan il-kumitat, is-Sa. Pace wieġbet fl-affermattiv, u kkonfermat li kienet membru fl-2021 meta nħarġu d-direct orders in kwistjoni.

45. Mistoqsija dwar min kien ħa d-deċiżjoni li jinħarġu direct orders, is-Sa. Pace qalet "*mill-informazzjoni li għandi jiena hija li kienet is-Sur Joseph Bugeja – għax kollox kien qed jitmexxa mill-uffiċċju tiegħu.*"[23]

46. Fir-rigward tal-file, is-Sa. Pace qalet:

> *Dan huwa l-file illi kien hemm fl-uffiċċju tas-CEO jiġifieri li huwa minn ta' żmien is-Sur Bugeja, ovvjament jiena mort l-uffiċċju, ħadt il-file mill-uffiċċju tas-CEO dalgħodu u bqajt ġejja bih. Dan huwa l-korrispondenza kollha li kien hemm rilatata li ffajljaw min-naħa tas-Sur Bugeja* [...] *mill-boardroom tas-CEO ġibtu jiena llum.*[24]

[23] Vide **Dokument J**, paġna 2.

[24] Vide **Dokument J**, paġna 2.

47. Mistoqsija min għandu aċċess għal dan l-uffiċju, is-Sa. Pace qalet "*illum huma n-nies li hemm hemmhekk, jiġifieri jiena, mort għand is-segretarja tas-CEO li, ta' llum, tagħtni l-file u bqajt ġejja bih*".[25]

48. Is-Sa. Pace ippreżentat il-file lill-esponent fi tmiem is-seduta. Il-file mhuwiex file uffiċjali tat-tip li tradizzjonalment jinżammu minn dipartimenti u entitajiet oħra tal-gvern, fejn kull biċċa korrispondenza tingħata numru u titniżżel f'elenku li jinżamm fl-istess file, iżda ring binder file li fih ġabra ta' korrispondenza, artikli mill-midja, preżentazzjonijiet u risposti għal mistoqsijiet parlamentari.

49. Mill-kontenut tal-imsemmi file jidher li l-Onor. Ian Borg infatti kien involut f'aktar dettall fit-tmexxija tal-Awtorità tat-Trasport milli kien indika hu stess fir-risposti preliminari tiegħu. Fis-26 ta' Frar 2019, ta ordni direttament lil uffiċjal ta' Transport Malta li kien jaqa' taħt is-Sur Joseph Bugeja biex jiltaqa' mat-tmexxija tal-Università ta' Malta u l-Isptar Mater Dei biex jispjegalhom dwar il-proġett tal-Malta Metro, u l-Ministru qallu wkoll "*Important meetings are headed by Chairman*" (skambju ta' messaġġi meħmuż ma' dan ir-rapport u mmarkat bħala **Dokument K**). Il-Ministru ta din l-ordni minkejja li l-artikolu 11 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kien jippermettilu biss li jagħti direzzjonijiet fuq materji ta' politika (policy) lill-bord ta' tmexxija tal-Awtorità.

50. Madankollu, l-istess file ta' Transport Malta ma fih ebda evidenza li l-Ministru Borg kien involut fl-għażla ta' TEC Limited. Anzi, hemm skambju ta' korrispondenza li seħħ mill-1 sat-3 ta' Settembru 2021, fejn is-Sur Bugeja qal lill-Ministru "*Please note that following extensive work, we have arrived at the attached estimated costs in relation to the METRO launch. The estimates have been obtained through TEC since we cannot shop around for confidentiality purposes*". Il-Ministru Borg qallu "*Noted Joe. Thank you*" (**Dokument L**). Permezz ta' dan l-iskambju, il-Ministru ġie informat bl-għażla ta' TEC Ltd iżda ma ntalbitx l-approvazzjoni tiegħu.

51. Aktar tard fl-istess skambju, is-Sur Bugeja ppropona li jiġi impost limitu ta' €400,000 fuq in-nefqa, u l-Ministru Borg qal "*I endorse*".

52. Fi skambju li seħħ aktar tard bejn is-Sur Bugeja u uffiċjali oħra ta' Transport Malta, wieħed mill-uffiċjali staqsa lis-Sur Bugeja "*are we going to definitely work with TEC? Or can we get another quotation? If we are going to*

25 Vide **Dokument J**, paġna 2.

*work with TEC we need to sit down with them and negotiate a better price*". Is-Sur Bugeja wieġeb "*Agree to proceed with detailed negotiations with TEC and please aim at barest costs*" (**Dokument M**).

53. Dawn l-iskambji huma konsistenti max-xhieda li l-istess Joseph Bugeja ta lil dan l-Uffiċċju, fejn tenna li kien hu, u mhux il-Ministru, li għażel lil TEC Limited minħabba raġunijiet kemm ta' kapaċità loġistika kif ukoll ta' kunfidenzjalità.

54. Fl-1 ta' Lulju 2024, is-Sa. Mary Rose Pace reġgħet dehret quddiem is-sottoskritt sabiex tiġbor il-file ta' Transport Malta u sabiex twieġeb xi domandi oħra dwaru. Sommarju tax-xhieda tagħha huwa anness bħala d-**Dokument N**.

55. Fis-6 ta' Awwissu 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Ian Borg sabiex ifornih bil-provi miġbura u jagħtih l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet finali. L-Onor. Borg wieġeb permezz ta' ittra datata 6 ta' Settembru 2024 (**Dokument O**).

56. Ġie ritenut mill-Onor. Ian Borg li d-direct orders saru minn entità li kienet taqa' taħtu bħala Ministru iżda mingħajr indħil jew involviment min-naħa tiegħu. In sostenn ta' dan, l-Onor. Borg irrefera għall-artikolu 33 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li jgħid:

> *Mingħajr preġudizzju għal kull direttiva mogħtija mill-Ministru taħt l-artikolu 11(2), l-Awtorità m'għandhiex tagħti jew tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-esekuzzjoni ta' xogħlijiet, jew għall-prestazzjoni ta' servizzi* [...] *ħlief skont ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ dwar il-ksib tal-oġġetti u s-servizzi kollha fis-settur pubbliku.*

57. L-Onor. Borg qal li dan l-artikolu "*jeskludi għal kollox lill-Ministru mill-proċess tal-procurement*".

58. L-Onor. Borg issottometta wkoll li meta fit-3 ta' Settembru 2021 qal "*I endorse*" (ara d-Dokument L), kien qed jirreferi għat-trażżin tal-infiq u mhux għall-akkwist tas-servizzi ta' xi ħadd partikolari. Qal li m'hemm l-ebda ħjiel li huwa ta xi direttiva lil Transport Malta dwar lil min għandha tikkuntratta. Qal ukoll li l-fatt li l-Awtorità tat-Trasport eċċediet il-limitu miftiehem ta' €400,000 fin-nefqa tagħha ma jistax jiġi attribwit lilu bħala ministru meta hu ma kienx jaf b'dan.

**Konsiderazzjonijiet**

59. Is-Sur Joseph Bugeja, Chairman u Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tat-Trasport fiż-żmien relevanti għal dan il-każ, xehed li l-kumpanija TEC Ltd intgħażlet minnu fuq il-parir ta' uffiċjali tal-Awtorità stess, mingħajr ebda involviment min-naħa tal-Ministru Ian Borg. Il-provi dokumentarji miġbura minn dan l-Uffiċċju huma konsistenti ma' dan.

60. Għaldaqstant, kwantu għall-ewwel aspett tal-każ taħt investigazzjoni kif elenkati fid-Dokument E, jiġifieri jekk l-imsemmijin direct orders ingħatawx fuq l-istruzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tal-istess Onor. Ian Borg, dan ma jirriżultax.

61. Kwantu għat-tieni aspett tal-każ, jiġifieri jekk ingħatatx informazzjoni korretta u kompleta mill-Onor. Ian Borg b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulu in konnessjoni mal-każ odjern, bħala stat ta' fatt kemm l-esponent kif ukoll il-Kummissarju preċedenti diġà taw diversi deċiżjonijiet fis-sens li bħala regola ġenerali dan l-Uffiċċju m'għandux jinvestiga materja li hija intrinsikament marbuta mal-poteri tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati.[26] Għaldaqstant mhux se tittieħed iktar konjizzjoni ta' dan l-aspett.

62. Kwantu għat-tielet aspett tal-każ, jiġifieri jekk l-Onor. Ian Borg kellux konflitt ta' interess fl-għoti tad-direct orders, dan lanqas ma jirriżulta ġaladarba m'hemm ebda indikazzjoni li hu kien involut fl-għoti tad-direct orders.

63. Jekk kellhomx jiġu akkwistati s-servizzi ta' TEC Ltd permezz ta' direct orders, minflok ma tinħareġ sejħa kompettiva għat-tenders miftuħa għal kull kumpanija li setgħet tipprovdi l-faċilitajiet meħtieġa, hija kwistjoni oħra. Mhux fil-kompetenza ta' dan l-Uffiċċju li jiddetermina jekk kienx ġenwinament meħtieġ li jinħarġu direct orders, iżda anki jekk id-direct orders kienu ġenwinament meħtieġa, kellha tintalab l-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi jew tad-Dipartiment tal-Kuntratti qabel jinħarġu, skont kif jeżiġu r-regolamenti dwar l-akkwist. L-Awditur Ġenerali jgħid li l-Awtorità tat-Trasport ma talbitx tali approvazzjoni.[27] Dan jirrappreżenta ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist kif ukoll tal-artikolu 33 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta –

---

26 Ara r-rapport annwali ta' dan l-Uffiċċju għas-sena 2021, taqsima 3.4.2; ir-rapport għas-sena 2022, taqsima 3.3.1; u r-rapport għas-sena 2023, taqsima 3.2. Dawn id-dokumenti huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/annual-reports/?lang=mt.

27 Ara n-nota 6 fuq.

jiġifieri l-Awtorità kisret il-liġi tagħha stess. Fil-fehma tas-sottoskritt, ksur bħal dan m'għandux iseħħ mingħajr konsegwenzi.

**Konklużjoni**

64. Għal dawn il-motivi l-esponent ma jsib ebda involviment tal-Onor. Ian Borg fir-rigward tal-għoti ta' direct orders lil TEC Ltd in konnessjoni mal-Malta Metro u jagħlaq il-każ.

65. L-esponent jirrakkomanda li r-regolamenti dwar l-akkwist jiġu emendati sabiex jiġu introdotti pieni għal dawk l-individwi li jinsabu risponsabbli għall-ksur tar-regolamenti. Għandu jkun possibbli li dawn il-pieni jiġu applikati anki jekk l-entità involuta fil-ksur ma tiħux passi.

66. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Onor. Ian Borg, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se tintbagħat anki lill-Ministru għall-Finanzi in vista tar-rakkomandazzjoni fuq. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 16 ta' Mejju 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Email oħra datata 16 ta' Mejju 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument Ċ | Email datata 24 ta' Mejju 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument D | Email datata 2 ta' Lulju 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument E | Ittra datata 30 ta' Awwissu 2022 mibgħuta lill-Ministru Ian Borg. |
| Dokument F | Email datata 30 ta' Settembru 2022 mingħand l-Onor. Ian Borg. |
| Dokument G | Email datata 12 ta' Diċembru 2022 mingħand l-Onor. Ian Borg. |
| Dokument H | Email datata 6 ta' Lulju 2023 mingħand is-Sa. Mary Rose Pace, Chief Officer Strategy and Corporate Services, Transport Malta. |
| Dokument I | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sur Joseph Bugeja fl-1 ta' Diċembru 2023. |
| Dokument J | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sa. Mary Rose Pace fis-17 ta' Ġunju 2024. |
| Dokument K | Skambju ta' emails datati 26 ta' Frar 2019 bejn numru ta' uffiċjali ta' Transport Malta u l-Onor. Ian Borg. |
| Dokument L | Skambju ta' emails datati 1 sa 3 ta' Settembru 2021 bejn is-Sur Joseph Bugeja u l-Onor. Ian Borg. |
| Dokument M | Skambju ta' emails datati 3 ta' Settembru 2021 bejn is-Sur Joseph Bugeja u uffiċjali ta' Transport Malta. |
| Dokument N | Sommarju tax-xhieda mogħtija mis-Sa. Mary Rose Pace fl-1 ta' Lulju 2024. |
| Dokument O | Ittra datata 6 ta' Settembru 2024 mingħand l-Onor. Ian Borg. |

**Email mingħand il-Prof Arnold Cassola datata 16 ta' Mejju 2022**

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

Naf li probabbli bhalissa, li qed tipprepara biex tidhol fil-kariga prestiguza u misthoqqa fil-Lussemburgu, ma tantx ikollok hsieb.
Imma f'dan il-pajjiz taghna, mmexxi minn politici mahmugin u giddibin, kuljum b'xi haga.
Qed nirreferik ghall-artiklu hawn taht ta' theshiftnews.
Qieghed ghalhekk nitolbok tinvestiga:

1. Kif il-Ministru Ian Borg ta nofs miljun euros direct orders lid-ditta TEC....f'jum wiehed.

2. Jekk il-minimu ta' sitt tined, siggijiet, armar ecc. li l-Ministru Borg ha minghand TEC ghall-kampanja elettorali personali tieghu kinux speci ta' commission.

3. Jekk ma kinux, dan ifisser li l-Ministru hallas ghalihom minn butu. Imma dan ifisser li kiser il-ligi ghax iqumu aktar mill-40,000 ewro permessi mil-ligi.

4. Nitolbok tivverifika d-dikjarazzjoni tal-Ministru dwar spejjez u jekk kienx veritier fid-dikjarazzjoni tieghu.

Nirringrazzjak u nselli ghalik,

Arnold Cassola

https://theshiftnews.com/2022/05/14/company-awarded-e0-5-million-in-direct-orders-in-1-day-provided-tents-for-ministers-campaign/

DOKUMENT B

**Email oħra mingħand il-Prof Arnold Cassola datata 16 ta' Mejju 2022**

Għażiż Kummissarju Hyzer,

B'żieda mat-talba ta' dalgħodu, qed nibgħatlek dokumenti uffiċjali li juru b'mod ċar li:

1. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta **ma semmiex id-direct orders li inghataw lil The Events Company Limited. (TEC Ltd).**
2. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta ta **figura ferm inqas minn dik tad - direct orders li nghataw lil The Events Company Limited. (TEC Ltd).**
3. Il-Ministru Ian Borg qarraq bil-Parlament Malti meta **għal mistoqsija dwar l-istudji, rapporti u konsulenzi li saru dwar il-Metro, huwa ma includiex id-direct orders li nghataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd), ghax din tal-aħħar tipprovdi apparat għal events u mhux studji, rapporti u konsulenzi.**

Nirringrazzjak u nselli għalik,
Arnold Cassola

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

PARLAMENT TA' MALTA

Back to view | By Category | By Heading | By MP | By Ministry | By Sitting | Search

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Leġiżlatura** | XIII | **Kategorija** | ORAL |
| **Mistoqsija Numru:** | 22917 | **Data:** | 02/11/2021 |
| **Seduta:** | 518 - 10/11/2021 04:00 PM | **Seduta *Interim*:** | - |
| **Titlu:** | Proposta tal-Metro – kampanja ta' promozzjoni | | |

**L-Onorevoli TONI BEZZINA staqsa lill-Onorevoli IAN BORG (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):**
Jista l-Ministru jgħid x'kien il-budget totali tal-kampanja tal-promozzjoni tal-proposta tal-metro? Jista' jagħti rendikont ukoll ta':
(a) kif intefqu dawn il-flus;

(b) fuqiex intefqu dawn il-flus;
(c) min kienu l-kumpaniji li taw is-servizzi tagħhom għal din il-kampanja;
(d) jekk dawn is-servizzi ġewx ikkumisjonati b'*tender* jew b'*direct order*?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat illi fejn tidħol promozzjoni diġitali u stampar relatat mal-proposta tal-Metro intefqu €67,954.12.

Dan sar minn iCreate, MaltaPost, Poultons, Pure u Maze Digital.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

FAQ | About us | Disclaimer | Contact Us* | Privacy Policy | Copyright | House of Representatives* | GOV.MT* | Help | Sitemap

* These links take you to an external site

L-aħħar bidla: 10/11/2021 04:32:09 PM - PQ ID 51D5C8A72FBD8598C1258781005127DE

**Tweġiba tal-Ministru Ian Borg għal mistoqsija tal-budget totali tal-kampanja tal-proposta tal-metro.**

**Il-Ministru Borg ma jsemmix id-direct orders li inghataw lil The Events Company Limited. (TEC Ltd)**

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

PARLAMENT TA' MALTA

Back to view | By Category | By Heading | By MP | By Ministry | By Sitting | Search

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Leġiżlatura** | XIII | **Kategorija** | ORAL |
| **Mistoqsija Numru:** | 22802 | **Data:** | 01/11/2021 |
| **Seduta:** | 514 - 08/11/2021 09:00 AM | **Seduta *Interim*:** | - |
| **Titlu:** | Launch tal-proposta tal-Metro - nefqa | | |

**L-Onorevoli TONI BEZZINA staqsa lill-Onorevoli IAN BORG (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):**
Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa flus il-launch tal-proposta tal-Metro li sar fit-2 ta' Ottubru 2021?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-launch li sar fit-2 ta' Ottubru 2021, dwar il-proposta tal-Metro, ġie jiswa €76,981.76.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

FAQ | About us | Disclaimer | Contact Us* | Privacy Policy | Copyright | House of Representatives* | GOV.MT* | Help | Sitemap

* These links take you to an external site

L-aħħar bidla: 8/11/2021 09:57:22 AM - PQ ID 0B3324ED55515318C1258780004ECEAA

**Tweġiba tal-Ministru Ian Borg għal mistoqsija tal-kemm ġie jiswa flus il-launch tal-proposta tal-Metro li sar fit-2 ta' Ottubru 2021.**

**Il-Ministru Borg jagħti figura ferm inqas minn dik tad -direct orders li inghataw lil The Events Company Limited. (TEC Ltd)**

PARLAMENT TA' MALTA

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

Back to view | By Category | By Heading | By MP | By Ministry | By Sitting | Search

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Leġiżlatura** | XIII | **Kategorija** | ORAL |
| **Mistoqsija Numru:** | 22604 | **Data:** | 22/10/2021 |
| **Seduta:** | 505 - 27/10/2021 09:00 AM | **Seduta *Interim*:** | - |
| **Titlu:** | Nefqa fuq il-fuljett tal-Metro | | |

**L-Onorevoli KAROL AQUILINA staqsa lill-Onorevoli IAN BORG (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):**
Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-nefqa li saret b'rabta mal-fuljett dwar il-Metro maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u li ġie mqassam fid-djar f'Malta u Għawdex? Jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet ġie mqassam bieb bieb l-imsemmi fuljett?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Awtorità tat-Trasport lin-nefqa għal l-istampar tal-fuljett hija €30,900 filwaqt li n-nefqa għad-distribuzzjoni f'residenzi okkupati ġewwa Malta li saret mill-Malta Post hija dik €4,927.00.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

FAQ | About us | Disclaimer | Contact Us* | Privacy Policy | Copyright | House of Representatives* | GOV.MT* | Help | Sitemap

* These links take you to an external site

L-aħħar bidla: 27/10/2021 09:55:59 AM - PQ ID 739A06A40E61B337C1258776002B4B08

**Tweġiba tal-Ministru Ian Borg għal mistoqsija dwar il-fuljett tal-Metro.**

PARLAMENT TA' MALTA

House of Representatives - Parliamentary Questions Website

Back to view | By Category | By Heading | By MP | By Ministry | By Sitting | Search

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Leġiżlatura** | XIII | **Kategorija** | ORAL |
| **Mistoqsija Numru:** | 22400 | **Data:** | 05/10/2021 |
| **Seduta:** | 494 - 11/10/2021 06:00 PM | **Seduta *Interim*:** | - |
| **Titlu:** | Proposta tal-Metro – studji, rapporti u proposti - nefqa | | |

**L-Onorevoli TONI BEZZINA staqsa lill-Onorevoli IAN BORG (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):**
Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew jiswew l-istudji, rapporti u proposti kollha li saru mill-kumpanija internazzjonali ta' konsulenza li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament fir-rigward tal-proposta tal-Metro?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiza minfuqha fuq dawn l-istudji sa issa tammonta għal € 1,807,907.41

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

FAQ | About us | Disclaimer | Contact Us* | Privacy Policy | Copyright | House of Representatives* | GOV.MT* | Help | Sitemap

* These links take you to an external site

L-aħħar bidla: 11/10/2021 06:32:45 PM - PQ ID 235B1F3D7D87B708C1258765001EB29A

**Tweġiba tal-Ministru Ian Borg għal mistoqsija dwar l-istudji, rapporti u konsulenzi li saru dwar il-Metro.**

**Dawn ma jinkludux id-direct orders li inghataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd) ghax din tal-aħħar tipprovdi apparat għal events u mhux studji, rapporti u konsulenzi.**

**Gazzetta tal-Gvern tad-29 t'April 2022 li turi d-direct orders li ngħataw lil The Events Company Limited (TEC Ltd)**

Nru./No. 20,848
Prezz/Price
€9.18

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022
Friday, 29th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority



| Numru ta' Referenza tad-Direct Contract<br>*Direct Contract Reference Number* | Titlu tad-Direct Contract/Suġġett tad-Direct Contract<br>*Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|
| 52090 | Malta Metro | 04/10/2021 | The Events Company | €7,500.00 |
| 52463 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €10,010.77 |
| 52464 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €20,027.11 |
| 52465 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €20,286.72 |
| 52466 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €7,510.17 |
| 52467 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €30,226.98 |
| 52468 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €17,393.92 |
| 52469 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €27,342.57 |
| 52470 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €9,067.83 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 52471 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €45,675.72 |
| 52472 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €9,197.67 |
| 52473 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €20,133.74 |
| 52474 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €30,731.41 |
| 52475 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €28,849.24 |
| 52476 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €7,417.45 |
| 52477 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €21,788.75 |
| 52478 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €12,198.92 |
| 52479 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €5,238.57 |
| 52480 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €45,000.00 |
| 52481 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €35,826.24 |
| 52462 | Malta Metro | 08/11/2021 | The Events Company | €23,068.26 |

**Email mingħand il-Prof Cassola datata 24 ta' Mejju 2022**

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

Hawn mehmuz l-artiklu tat-Times, li fih johrog li Ian Borg iddikjara 15,000 ewro spejjez ghat-tined tat-TEC, jigifieri medja ta' mhux aktar minn 2500 ewro ghal kull tinda.
Normalment, il-prezz ta' dawn it-tined, mill- anqas 6000.
Mela jidher li hawn kellna discount ta' kwazi 60%.
Grazzi tal-attenzjoni u nselli ghalik

Arnold Cassola

https://timesofmalta.com/articles/view/pl-candidates-spent-three-times-more-than-pns-on-election-campaign.956968

**Email mingħand il-Prof Cassola datata 2 ta' Lulju 2022**

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

Da l-artiklu tal-lum, jista' jkun ta' ghajnuna f'din l-investigazzjoni:

https://theshiftnews.com/2022/07/02/metro-promo-ian-borg-split-e420000-bill-from-tec-into-20-direct-orders-to-avoid-issuing-tender/

Tislijiet,
.arnold cassola

DOKUMENT E

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

30 ta' Awwissu 2022

L-Onor. Dr Ian Borg MP
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Bl-email fuq ian.borg@gov.mt

Ministru,

**Każ K/044: allegazzjoni dwar kunflitt ta' interess fl-għoti ta' direct orders lill-kumpanija TEC Ltd**

Fis-16 ta' Mejju 2022 jiena irċevejt ilment dwar l-għoti ta' kuntratti b'ordni diretta lill-kumpanija The Events Company, magħrufa wkoll bħala TEC Ltd. Ma' din l-ittra qed ngħaddilek kopja tal-ilment, kif ukoll ta' korrispondenza oħra mibgħuta lili mill-ilmentatur fis-16 ta' Mejju, l-24 ta' Mejju u t-2 ta' Lulju 2022.

F'din il-korrispondenza, u fir-rapporti tal-midja li jissemmew fiha, qed jiġi allegat fost affarijiet oħra li:

(a) meta inti kont ministru risponsabbli għat-trasport, tajt sensiela ta' kuntratti b'ordni diretta lil TEC Ltd li jammontaw għal aktar minn €420,000 permezz tal-entità Transport Malta, li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħek;

(b) għalkemm dawn id-direct orders kienu relatati mat-tnedija tal-Malta Metro, inti ma semmejt xejn dwarhom fir-risposti li tajt għal mistoqsijiet parlamentari li sarulek dwar l-infiq fuq dan l-avveniment; u

(c) inti użajt is-servizzi tal-istess kumpanija fil-kampanja elettorali personali tiegħek, u f'dan il-każ il-kumpanija tatek rati preferenzjali.

A bażi tal-ilment, il-korrispondenza sussegwenti, u r-rapporti relatati fil-midja, jidhirli li għandi ninvestiga jekk:

(1) id-direct orders ingħatawx fuq l-istruzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tiegħek;

(2) inti tajtx informazzjoni korretta u kompleta b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulek in konnessjoni ma' dan il-każ; u

(3) kellekx konflitt ta' interess fl-għoti tad-direct orders, peress li din il-kumpanija kienet qed toffri s-servizzi tagħha f'attivitajiet politiċi.

Id-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jiena nqis relevanti għal dan il-każ huma s-segwenti:

> *4.3 [...] il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb.*
>
> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *4.8 Il-Ministri m'għandhom jaċċettaw ebda rigali jew benefiċċji, salv kif provdut f'dan il-Kodiċi, li jistgħu jew jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom jew li jpoġġuhom taħt xi obbligazzjoni mhux xierqa.*
>
> *5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż.* [...]
>
> *8.1 Il-Ministri għandhom jassiguraw li ma jkun hemm l-ebda konflitt bejn id-doveri pubbliċi u l-interessi privati tagħhom, finanzjarji jew ta' xorta oħra, u hija r-responsabbiltà personali ta' kull Ministru individwalment li jiddeċiedi jekk u x'għandu jsir biex ma jkunx hemm dan it-tip ta' konflitt ta' interess. B'dan illi f'każ li tkun meħtieġa direzzjoni mill-Prim Ministru dwar l-eżistenza ta' konflitt ta' interess, dik id-deċiżjoni tkun finali. Il-prinċipju ġenerali huwa illi jew Ministru jiddisponi minn dan l-interess jew jieħu miżuri alternattivi biex jipprevjenih.*
>
> *8.4 Ebda Ministru m'għandu jaċċetta rigali, donazzjonijiet, ospitalità jew servizzi mingħand xi ħadd, li jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni lejn dik il-persuna jew persuni u dan għandu wkoll japplika għall-membri tal-familja immedjata tal-Ministru. F'każ ta' dubju għandu jiġi kkonsultat il-Prim Ministru.*
>
> *9.3 Il-Ministri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jagħtu l-iktar informazzjoni preċiża u korretta possibbli u kull korrezzjoni illi tista' tkun meħtieġa għandha ssir mal-ewwel opportunità.*

Fl-investigazzjoni tiegħi miniex bi ħsiebni nidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-kuntratti li ngħataw lil TEC Ltd kinux konformi mal-governanza tajba u mar-regolamenti dwar l-akkwist, jew jekk jirrappreżentawx valur għall-flus minfuqa,

anki minħabba l-fatt li sar rapport dwar din il-materja lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Lanqas ma jien bi ħsiebni ninvestiga jekk inti għamiltx dikjarazzjoni korretta lill-Kummissjoni Elettorali dwar l-ispejjeż tal-kampanja elettorali personali tiegħek. Madankollu nirriżerva d-dritt li nidħol f'dawn il-kwistjonijiet jekk f'xi stadju aktar 'il quddiem jidhirli li għandi nagħmel dan. F'dak il-każ niktiblek biex ninformak li qed nestendi l-investigazzjoni tiegħi.

Inti mitlub tippreżenta r-reazzjonijiet u l-veduti tiegħek dwar l-aspetti (1) sa (3) li huma elenkati fl-ewwel paġna ta' din l-ittra. Inti mitlub ukoll tgħid:

(a) x'kien il-kontribut ta' TEC Ltd fl-attivitajiet politiċi tiegħek, sew qabel u sew wara li ġie xolt il-Parlament fi Frar tal-2022;

(b) meta użajt is-servizzi ta' din il-kumpanija għall-ewwel darba f'attività politika;

(c) kemm tħallset il-kumpanija tas-servizzi tagħha għal dan il-għan; u

(d) jekk tatekx rati preferenzjali.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 16 ta' Settembru 2022**.

Insellimlek,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT F

**From:** Borg Ian at MFET
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Farrugia Anglu at Parlament-MT
**Subject:** RE: Każ K/044: allegazzjoni dwar kunflitt ta' interess fl-għoti ta' direct orders lill-kumpanija TEC Ltd
**Date:** 30 September 2022 14:37:40
**Attachments:** image004.png

---

Kummissarju,

Grazzi tal-mistoqsijiet tiegħek.

Qed nikteb sabiex inwieġeb it-tliet mistoqsijiet tiegħek:

(1) id-direct orders ingħatawx fuq l-istruzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tiegħek;
(2) inti tajtx informazzjoni korretta u kompleta b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulek inkonnessjoni ma' dan il-każ; u
(3) kellekx konflitt ta' interess fl-għoti tad-direct orders, peress li din il-kumpanija kienet qed toffri s-servizzi tagħha f'attivitajiet politiċi.

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, ir-risposta hija inekwivoka - LE. Il-Ministeru jew jien innifsi bħala Ministru assolutament ma kellna ebda rwol fix-xiri tas-servizz inkwistjoni. Transport Malta bħala Awtorità awtonoma, bil-poteri u r-rappreżentanza legali tagħha jirrispekkjaw liċ-Chairman u l-Bord tad-Diretturi, kif ukoll il-Kap Eżekuttiv li huwa responsabbli mit-tmexxija amministrattiva, raw huma liema mod kien l-aħjar jixtru dan is-servizz, u raw esklussivament huma min jagħti dan l-istess servizz.

Irrid inżid kif il-kumpanija Internazzjonali ARUP, li kienet imqabbda fil-leġiżlatura ta' qabel kont maħtur Ministru tat-Trasport, kienet ippreżentatilna proposta fuq kif il-Gvern u Transport Malta għandha tvara l-proġett tal-Metro Malta. Il-proposta tagħhom li hija dokumentata kienet tlaħħaq il-miljun ewro. Jien kont esprimejt maċ-Chairman u il-Kap Eżekuttiv li din kienet spiża eċċessiva u għaldaqstant eventwalment Transport Malta kienet proponiet lill-Ministeru kif in-nefqa komprensiva ma kelliex taqbeż l-400 elf ewro. Il-Ministeru qbilna li dan kien ammont xieraq. Min u kif jieħu u jagħti dan is-servizz, intenni li kienet esklussivament deċiżjoni ta' Transport Malta.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija tiegħek, intenni li iva tajt l-informazzjoni korretta. Ngħid dan għaliex waqt li l-Onorevoli Bezzina talab in-nefqa speċifika tal-attività li saret fit-2 ta' Ottubru 2021, in-nefqa li qed jilmenta fuqha mill-ilmentatur tkopri nefqa ta' perjodu ħafna itwal - ġimgħat jekk mhux xhur.

Għaldaqstant meta l-Awtorità provdiet l-informazzjoni lis-sezzjoni rispettiva tal-Mistoqsijiet Parlamentari fi ħdan il-Ministeru, dawn għamlu kalkolu dwar x'intefaq mis-somma globali għal dik is-serata tat-2 ta' Ottubru.

Minħabba din it-tieni mistoqsija tiegħek, waqt li weġibtek għaliex hekk għandu jkun, qed ninkludi lill-President tal-Kamra. Qed nagħmel dan għaliex dejjem innutajt kif is-Sedja tagħti deċiżjonijiet kemm-il darba l-Gvern ikun żgwida jew le l-Kamra permezz ta' risposti parlamentari.

Nasal għat-tielet mistoqsija tiegħek. Hawn ukoll, jiena ma kelli ebda kunflitt ta' interess għaliex: a) qatt ma kont jien li ddeċidejt li dawn jieħdu xogħol minn Transport Malta (skont l-ewwel risposta tiegħi hawn fuq) u b) it-tim tiegħi ħallas f'ismi għal kull servizz li huma taw matul il-kampanja elettorali ħafna xhur wara. Din il-kumpanija tat servizzi lill-partiti politiċi u kandidati oħrajn, u wieħed faċilment jista' jinnota kif rati mħallsa minni huma simili għal dawk ta' oħrajn.

Mill-ġdid jiena ntenni d-disponibilità tiegħi kemm-il darba tixtieq iżjed informazzjoni.

Inselli għalik,


Ian Borg
Minister

**t:** +356 22040000 **e:** ian.borg@gov.mt
www.foreignandeu.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Palazzo Parisio, Triq Il-Merkanti, Valletta, Malta


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Borg Ian at MFET
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life; Farrugia Anglu at Parlament-MT
**Subject:** Re: Każ K/044: allegazzjoni dwar kunflitt ta' interess fl-għoti ta' direct orders lill-kumpanija TEC Ltd
**Date:** 12 December 2022 16:16:01
**Attachments:** image004.png
image004.png
image004.png
image004.png

---

Speaker, Kummissarju, Direttur Generali,

Naghmel referenza ghar-Rapport Annwali dwar il-Kontijiet Pubbliċi għas-sena 2021 prezentat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

L-Awditur Generali issa kkonferma dak li ktibt hawn taht jien, u allura li jien involvejt ruhi biss sabiex jitnaqqas il-budget allokat minn Transport Malta ghal din l-attività. Dan jinsab miktub f'pagna 144 tal-istess rapport.

Inselli ghalikom u nirringrazzjakom.

Ian

Sent from my iPhone

**From:** Borg Ian at MFET <ian.borg@gov.mt>
**Date:** 30 September 2022 at 14:37:00 GMT+2
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Cc:** Farrugia Anglu at Parlament-MT <anglu.farrugia@parlament.mt>
**Subject: RE: Każ K/044: allegazzjoni dwar kunflitt ta' interess fl-għoti ta' direct orders lill-kumpanija TEC Ltd**

Kummissarju,

Grazzi tal-mistoqsijiet tiegħek.

Qed nikteb sabiex inwieġeb it-tliet mistoqsijiet tiegħek:

(1) id-direct orders ingħatawx fuq l-istruzzjonijiet jew bl-approvazzjoni tiegħek;
(2) inti tajtx informazzjoni korretta u kompleta b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulek inkonnessjoni ma' dan il-każ; u
(3) kellekx konflitt ta' interess fl-għoti tad-direct orders, peress li din il-kumpanija kienet qed toffri s-servizzi tagħha f'attivitajiet politiċi.

Fir-rigward tal-ewwel mistoqsija, ir-risposta hija inekwivoka - LE. Il-Ministeru jew jien innifsi bħala Ministru assolutament ma kellna ebda rwol fix-xiri tas-servizz inkwistjoni. Transport Malta bħala Awtorità awtonoma, bil-poteri u r-rappreżentanza legali tagħha jirrispekkjaw liċ-Chairman u l-Bord tad-Diretturi, kif ukoll il-Kap Eżekuttiv li huwa responsabbli mit-tmexxija amministrattiva, raw huma liema mod kien l-aħjar jixtru dan is-servizz, u raw esklussivament huma min jagħti dan l-istess servizz.

Irrid inżid kif il-kumpanija Internazzjonali ARUP, li kienet imqabbda fil-leġiżlatura ta' qabel kont maħtur Ministru tat-Trasport, kienet ippreżentatilna proposta fuq kif il-Gvern u Transport Malta għandha tvara l-proġett tal-Metro Malta. Il-proposta tagħhom li hija dokumentata kienet tlaħħaq il-miljun ewro. Jien kont esprimejt maċ-Chairman u il-Kap Eżekuttiv li din kienet spiża eċċessiva u għaldaqstant eventwalment Transport Malta kienet proponiet lill-Ministeru kif in-nefqa komprensiva ma kelliex taqbeż l-400 elf ewro. Il-Ministeru qbilna li dan kien ammont xieraq. Min u kif jieħu u jagħti dan is-servizz, intenni li kienet esklussivament deċiżjoni ta' Transport Malta.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija tiegħek, intenni li iva tajt l-informazzjoni korretta. Ngħid dan għaliex waqt li l-Onorevoli Bezzina talab in-nefqa speċifika tal-attività li saret fit-2 ta' Ottubru 2021, in-nefqa li qed jilmenta fuqha mill-ilmentatur tkopri nefqa ta' perjodu ħafna itwal - ġimgħat jekk mhux xhur.

Għaldaqstant meta l-Awtorità provdiet l-informazzjoni lis-sezzjoni rispettiva tal-Mistoqsijiet Parlamentari fi ħdan il-Ministeru, dawn għamlu kalkolu dwar x'intefaq mis-somma globali

**From:** Pace Mary Rose at Transport
**To:** Office
**Cc:** Mifsud Godwin at MTIP; Borg Jonathan at Transport; Vella Dorianne at Transport; Bartolo Marieclaire at Transport
**Subject:** Kaz K/044 -
**Date:** 06 July 2023 14:23:29
**Attachments:** image002.png
image003.png
image004.png
image005.png
image006.png

---

Prim Imhallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummisarju ghal-Istandards fil- Hajja Pubblika

6 ta Lulju 2023

Kaz K/044 – talba ghal evidenza skont l-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika

-
B' referenza ghal l-ittra bid- data ta 22 ta Gunju 2023 lis Sur Jonthan Borg, CEO ta Transport Malta , nixtiequ ninfurmawk li l event tal Malta Metro kienet imexxija direttament mill l – Ex Chairman u Kap Exekuttiva ta l-Awtorita ta- Transport is Sur Joseph Bugeja u kull kooridnazzjoni kienet issir mill-ufficju tieghu.

Grazzi

**MaryRose Pace**
Chief Officer Strategy & Corporate Services
Corporate Services Directorate

+356 25554589 / +365 99[redacted]
mary-rose.b.pace@transport.gov.mt
https://www.transport.gov.mt/
Transport Malta Centre, Triq Pantar, Lija
LJA2021, Malta

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

This email and the information it contains is confidential and may be legally privileged and intended solely for the use of the individual or entity to whom it is addressed. If you have received this email in error, please notify me immediately. Please note that any views or opinions presented in this email are solely those of the author and do not necessarily represent those of the Authority. You should not copy it for any purpose or disclose its contents to any other person. Internet communications are not secure, and the sender does not accept legal responsibility for the contents of this message as it has been transmitted over a public network. If you suspect the message may have been intercepted or amended, please notify me. Finally, the recipient should check this email and any attachments for the presence of viruses. Thank you.

# Sommarju tax-xhieda ta' Joseph Bugeja

| | |
|---|---|
| Każ: | K/044 |
| Data: | 1 ta' Diċembru 2023 |
| Preżenti: | Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali<br>Dr Sarah Pace Warrington, Investigatur<br><br>Is-Sur Joseph Bugeja |

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta l-ġurament lix-xhud Joseph Bugeja, u fakkru illi hu mhuwiex qed jiġi investigat minnu.

**Il-kariga tas-Sur Bugeja fl-Awtorità għat-Trasport**

Is-Sur Bugeja ġie mistoqsi jispjega x'kienet il-kariga tiegħu fl-Awtorità għat-Trasport u f'liem perjodu. Is-Sur Bugeja spjega li kien *Chairman to the Board* u Kap Eżekuttiv tal-Awtorità bejn Lulju tal-2019 u l-aħħar ta' Mejju 2022.

**Id-direct orders li ngħataw lil TEC LTD għat-tnedija tal-proġett tal-Metro**

Is-Sur Bugeja beda billi spjega taħt liema ċirkostanzi ħarġu sensiela ta' direct orders li huma s-suġġett tal-ilment. Qal li f'dan il-każ, dan kien "*proġett partikolari*"[1]. Is-Sur Bugeja qal li meta daħal hu fl-2019, wieħed mil-affarijiet li kellu jagħmel kien li jaħdem fuq il-proġett tal-Metro:

> "*li kien proġett erm, kbir, kbir, kien avvanzat ħafna jiġifieri ma bediex fi żmieni imma jiena erm irċevejt, il-, il-proċess, li kien hemm, fejn kienet ġiet inkarigata waħda mill-ikbar entitajiet rinomati fid-dinja ARUP, biex tmexxi erm dan l-istudju, u ġejt infurmat li dan is-suġġett huwa totally confidential u bl-ebda mod m'għandu jilleakja informazzjoni dwaru. Qed ngħid dan għaliex, fhimt, illi l-Awtorità kellha xi proġett simili u kienet illeakjat informazzjoni…*"[2].

Is-Sur Bugeja kompla jgħid illi l-proġett:

> "*ġie updated bir-rapporti għax ikun hemm xi tibdil fejn kien hemm stations u u kien hemm proġetti oħra allura ġew updated, u erm, kont inżomm il-Ministru ovvjament kontinwat infurmat u imbagħad eventwalment bdejna nersqu l-OPM, biex nieħdu direzzjoni dwar il-, il-, il-, il-launching or otherwise ta' dan, ta' dan l-istudju, mhux li nagħmlu l-Metro, imma l-inka -, il-karigu tal-Awtorità kien li tistudja u tagħmel rapport, Malta tistax twettaq proġett ta' Metro, u l-proġett ta' Metro kien kien, state of the art project jiġifieri erm jekk wieħed*

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda 01:06
[2] Reġistrazzjoni tax-xhieda 01:21

*jara issa bis-stages, bil-video, jiġifieri kien, kien proġett, inkluż mill-esperti, il-launching ta' dan it-tip ta' proġett kif isir f'pajjiżi, f'pajjiżi oħra. U hemmhekk bdejna erm, nersqu biex ikollna direzzjoni dwar il-launching ta' dan il-proġett. Erm, wara numru ta' laqgħat, wara numru ta' laqgħat, allura bdejna nippruvaw in the meantime aħna naraw, x'tip ta' launching, jiġifieri kien hemm il-launching li kienet preżentata kif għandha ssir, mill-esperti, li kienet tiswa ċirca miljun ewro biex, biex, biex tippreżentah dan il-proġett, u x'mudelli jistgħu jintużaw fil-korrispondenza, iżgħar, ikbar, xejn erm, fl-aspett politiku ukoll. Erm, taħt il-kunfidenzjalità jiġifieri anke biex nagħti eżempju prattiku, jekk jien għażilt tnax-il impjegat biex eventwalment jieħdu t-training għal meta jsir il-launch biex ikunu jistgħu jilqgħu l-pubbliku u jispjegaw, dawk kull wieħed minnhom ħabba l-kunfidenzjalità kellu jiffirma a non-disclosure agreement, u kull min kien ser ikun involut erm, l-istess irid ikun marbut li ma jistax erm joħroġ any type of, of information. Il-konklużjoni ta' dan kollu biex ma rridx intawwal hija li kien hemm deċiżjoni li ġiet trasmessa lili, fit-3 ta' Settembru, li l-launch trid issir fit-2 t'Ottubru, jiġifieri d-deċiżjoni 3rd September to launch, full launch erm. Ftit qabel erm, jiena meta bdejt inġib indikazzjonijiet, issa indikazzjonijiet jien ma niddealjax bħala Chairman u CEO, jiena ma niddealjax direttament, mas-service providers, imma l-Awtorità għandha set up ta' marketing department, għandha service providers, u jien naħdem tràmite. Kelli kumitat ta' nies jiġifieri project manager, IT expert li qed jagħmel il-website, il-marketing etcetera etcetera, u meta bdejt nara l-ispejjeż ovvjament…"*[3]

Fir-rigward ta' jekk l-Awtorità segwietx proċess normali fil-każ in kwistjoni, is-Sur Bugeja qal *"ma kien, ma kienx normali, dan ma stajtx immur nagħmel tender biex ngħid irrid nagħmel launch ta' Metro meta jien kont marbut b'kunfidenzjalità totali."*[4]

Mistoqsi dwar il-lista ta' direct orders li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern fid-29 t'April tal-2022, u li ngħataw lill-kumpannija TEC Ltd., is-Sur Bugeja qal *"għax fit-22 meta isir ir-rapport mill-finance biex nikkonfermaw x'inkunu tajna"*[5].

Fir-rigward ta' kif ħarġu d-direct orders b'dak il-mod is-Sur Bugeja qal:

*"din, din hi, jiġifieri, jiġifieri l-marketing, jiena tajthom gwida isma sibu entità, kif nerġa' ngħid jiena ma niddealjax mas-service providers qatt, erm entità li kapaċi li jekk rridu tinda, rridu dal-mekkaniżmu, irridu dal-pjattaforma, irid ikun kapaċi ta' dimensjoni, dan, he will deliver, kont qed nistenna li ħa tiġi, jew tagħmilhiex jew għamilha, kif fil-fatt ġara, 3rd September, 2nd October to launch, erm u kienet dik il-kumpanija li ntgħażlet erm mill-marketing"*[6] u *"jien fl-opinjoni tiegħi għamilt dak li kien mistenni minni fiċ-ċirkostanzi taħt kunfidenzjalità, ma stajtx nuża proċessi normali […] pubbliċi"*[7].

**L-organiżazzjoni tat-tnedija tal-proġett tal-Metro**

Is-Sur Bugeja spjega kif :

[3] Reġistrazzjoni tax-xhieda 02:01
[4] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:05
[5] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:51
[6] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:08
[7] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:41

*"għamilt email lill-Ministru, l-Onorevoli Ian Borg, u lill-Permanent Secretary Joseph Caruana, li llum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fejn issuġġerejt li nagħmlu target ta' erba' mitt elf għax meta bdejt nara l-indikazzjonijiet biex tagħmel, u bdejt nipprova kemm jista' jkun innaqqas. U kien hemm qbil bil-miktub, b'endorsement, isma qed nippruvaw nimmiraw għal din il-figura, erm, ovvjament meta kelli l-konferma isma, on the 3rd - on the 2nd, on the 2nd - erm, trid tagħmilha, skatta l-mekkaniżmu. L-indikazzjoni li kont tajt jien lill-marketing, għidtilhom sibu entità li tkun kapaċi tagħmel dat-tip ta' proġett, jiġifieri inutli ġġibli xi ħadd, tridu tagħżlu xi ħadd, li, mhux ikun żgħir li imbagħad ha, halfway through ser jgħidli jien mhux kapaċi nagħmel tinda, għax din, il-, il-, il-, il-, ix-show kien li trid tagħmel tinda fejn qatt ma saret, f'Bieb il-Belt, il-kunċett kien li n-nies li deħlin il-Belt qishom deħlin ġo Metro station, allura t-tinda enormi f'post fejn qatt ma nbniet, fil-fatt ħareġ anke mill-, mir-rapport tal-Awditur, sibna l-ewwel darba diżlivell li kellna nonfqu iktar flus inġibu l-livell ta' fejn saret din it-tinda mmensa, u kienet walkthrough li inti ġo dit-tinda, il-pubbliku Malti jifhem u jara u jesperjenza b'mekkaniżmu teknoloġiku, l-istazzjonijiet, fejn ser ikunu, etcetera etcetera etcetera jiġifieri, dak kien erm il-qafas ta' dak li ġara, u on the 2nd of October prattikament, sakemm rajt il-Prim Ministru u l-Ministru, sa nofs siegħa qabel, konna għadna qegħdin tellieqa jiġifieri qed isir xogħol kontinwu bil-lejl ukoll biex intramat, erm, il-proġett kollu biex jinfetaħ uffiċjalment u u u jsir il-launch.[8]"*

Mistoqsi dwar il-kommunika dwar id-data tal-launch, u jekk din saret bil-miktub, is-Sur Bugeja qal *"le, in-notifika, il-kommunikazzjoni tal-OPM kienu kkordinati through l-Marketing Manager tal-Ministeru Roderick Zerafa, li kien jattendi l-meetings […][9]"* u *"imbagħad kien komunikat lili, isma, 2nd October erm, Saturday 2nd October jekk mhux sejjer żball, isir il-launch mill-Prim Ministru."*[10]

Mistoqsi jekk din il-kommunika saret ukoll bil-miktub, is-Sur Bugeja qal *"ma nafx, ma nafx kinitx […] mmm, ma, ma nistax nikkonferma jekk kinitx bil-miktub."* [11]

**Kif intgħażlet TEC Ltd. għat-tnedija tal-proġett**

Mistoqsi dwar id-deċiżjoni li ttieħdet li l-kumpannija TEC Ltd. is-Sur Bugeja qal "*jiena amministrajt dak li kien mistenni minni bħala Chairman u CEO, jiena, kont qed nipprepara għaliha u ovvjament min, min intgħażel, min ġie rakkomandat isma mill-, minn, dan hu kapaċi, jagħmel kollox, jien mhux ser inmeri n-nies li huma esperti f'dik l-area jiġifieri, within the Authority imma, within the Authority*."[12]

Fir-rigward ta' jekk il-kumpanija TEC Ltd. kienet għamlet xogħol ieħor għall-Awtorità, jew ingħatat tenders jew direct orders mill-istess Awtorità fil-perjodu meta kien Kap Eżekuttiv u Chairman, is-Sur Bugeja qal *"m'għandix id-dettall imma imma la kienu jafuhom nimmaġina li*

---

[8] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:22
[9] Reġistrazzjoni tax-xhieda 13:39
[10] Reġistrazzjoni tax-xhieda 14:00
[11] Reġistrazzjoni tax-xhieda 14:15
[12] Reġistrazzjoni tax-xhieda 09:07

*li, […] kienu diġà ħadmu, ħadmu, ħadmu xi xi attivitajiet, imma kif għidt, ma kont- jiena ma kontx niddealja dirett, kont noqgħod il-bogħod dejjem."*[13]

Mistoqsi dwar l-ordni li kien ta lill-Marketing Department tal-Awtorità, is-Sur Bugeja qal:

> *"jien staqsejthom, li kienu involuti kontinwament, jiġifieri, mhux on the 3rd staqsejt jiena, kont għadd – għaddejin aħna inġ – niddiskutu, dil-launch, jekk issir f'did-dimensjoni, jekk issir f'did-dimensjoni, u jekk issir f'did-dimensjoni għax ma kienx hemm direzzjoni ta' liema dimensjoni ser nagħmluha. Bdew iġġibuli indikazzjonijiet, minn xi ħadd li kapaċi li any option li niddeċiedu kapaċi jagħmilha, jiġifieri guiding factor tiegħi kien xi ħadd li kapaċi jagħmel dak kollu li hemm bżonn biex isir dat-tip ta' launch."*[14]

Is-Sur Bugeja meta ġie mistoqsi għalfejn id-dipartiment responsabbli għall-procurement fl-istess Awtorità ma kienx involut fil-proċess, qal: *"għax, għax il-procurement, għandhom proċess formali riġidu ta' kif is – nagħmlu l-affarijiet normali jiġifieri aħna concurrently jiena kelli ħafna affarijiet għaddejin, għaddejin through the procurement department, din hi proċess normali*[15]" u *"imma dan, ħabba l-konfidenzjalita, li kkundizzjona din is-sitwazzjoni, jien ma stajtx immur fuq il-procurement, ridt norbot dan-nies madwar mejda, taħt kunfidenzjalità għax jien kont marbut li dan ma jaħrabnix minn idejja dan is-suġġett, u d-detall tiegħu, u r-rapporti li kellna dettaljati għax immaġina joħorġulek u jimxu f'did-direzzjoni. Jiġifieri l-kunfidenzjalità kienet kundizzjoni partikolari għal dan il-proġett."* [16]

Mistoqsi jekk irċieva rapport jew dokumentazzjoni in sostenn tal-għażla ta' TEC Ltd. għal dan il-proġett, is-Sur Bugeja qal:

